**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Id-29 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (Laqgħa b'Urġenza)** ser issir nhar **il-Ħadd 22 ta' Frar 2015 fil-11:15am,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Annwali**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tad-29 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (laqgħa b'urġenza) li saret nhar il-Ħadd 22 ta' Frar 2015 fil-11:15 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta ta' 11:45 ta' filgħodu.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU ANNWALI

1.1 Is-Sindku David Schembri qal li din il-laqgħa b'urġenza saret minħabba li jrid jiġi approvat b'mod immedjat ir-rapport finanzjarju annwali.

1.2 Spjega kif dan ir-rapport wasal f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv nhar il-Ġimgħa 20 ta' Frar 2015 u għaldaqstant kien prattikament impossibli li ssir laqgħa tal-Kunsill Lokali qabel speċjalment minħabba l-preparamenti għas-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2015.

1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon spjega r-rapport finanzjarju annwali lill-Kunsillieri preżenti.

1.4 Għamel enfasi dwar in-nefqa li saret matul l-2014 kif ukoll il-flus li daħħal il-Kunsill Lokali.

1.5 Spjega kif għalkemm is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali hija waħda b'saħħitha, l-Kunsill Lokali għandu jkun viġilanti sabiex kemm jista' jkun ma jmurx min-naħa taħt fuq bażi annwali, u dan meta wieħed jikkunsidra li l-Kunsill Lokali għad għandu f'moħħu l-proġett tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv il-ġdid.

1.6 Is-Sindku David Schembri ppropona li dan ir-rapport finanzjarju annwali għandu jiġi approvat mill-Kunsill Lokali.

1.7 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda filwaqt li l-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' dan ir-rapport.

Il-laqgħa ntemmet f'11:45am.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |